IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.12.2025
COM(2025) 772 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**(L-Ewwel) Pjan ta' Ħidma tas-CPR għall-2026-2029**

MT MT

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## (L-Ewwel) Pjan ta' Ħidma tas-CPR għall-2026-2029

## 1 INTRODUZZJONI

### 1.1 Suq uniku għall-prodotti għall-kostruzzjoni

Ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini (CPR, Construction Products Regulation)[1] jistabbilixxi regoli armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti għall-kostruzzjoni fl-UE. Is-CPR jiżgura l-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku u l-moviment liberu tal-prodotti għall-kostruzzjoni fl-UE. Huwa jagħmel dan prinċipalment permezz ta' speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati, li jipprevedu lingwa teknika komuni dwar kif għandha tiġi vvalutata u kkomunikata l-prestazzjoni tal-prodotti għall-kostruzzjoni (pereżempju, ir-reazzjoni għan-nar, il-konduttività termali jew il-proprjetajiet tal-iżolazzjoni akustika). L-użu tal-istandards huwa obbligatorju wara li jkunu ġew magħmula obbligatorji permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Is-CPR jiżgura li jkun hemm disponibbli informazzjoni affidabbli għall-professjonisti, għall-awtoritajiet pubbliċi u għall-konsumaturi, sabiex ikunu jistgħu jqabblu l-prestazzjoni tal-prodotti għall-kostruzzjoni minn manifatturi differenti fi Stati Membri differenti tal-UE[2].

Skont l-Artikolu 4(2) tas-CPR, "il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjan ta' ħidma għall-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għall-familji ta' prodotti elenkati fl-Anness VII, inklużi r-rekwiżiti tal-prodott kif ukoll l-informazzjoni ġenerali dwar il-prodott, l-istruzzjonijiet għall-użu u l-informazzjoni dwar is-sikurezza, li jkopri mill-inqas il-perjodu ta' tliet snin li jmiss." Għal dan il-għan, il-Kummissjoni kkonsultat mal-Grupp ta' Esperti tal-Acquis tas-CPR[3] fl-ewwel nofs tal-2025.

Il-Kummissjoni għandha l-obbligu li tippubblika dan l-ewwel pjan ta' ħidma mhux aktar tard mit-8 ta' Jannar 2026. Dan ikopri s-snin mill-2026 sal-2029. Peress li l-Kummissjoni trid iġġedded u taġġorna l-pjan ta' ħidma mill-inqas kull 3 snin, il-pjan ta' ħidma li jmiss se jiġi ppubblikat sa mhux aktar tard minn tmiem l-2028.

Il-Kummissjoni se tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri kull sena fi tmiem is-sena dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma – għall-ewwel darba fi tmiem l-2026.

Dan il-pjan ta' ħidma se jikkontribwixxi wkoll għall-għanijiet tal-Boxxla għall-Kompetittività[4] adottata reċentement, billi jgħin biex jitnaqqas id-distakk fl-innovazzjoni u biex tingħata spinta lill-kompetittività, lid-dekarbonizzazzjoni u lis-sigurtà ekonomika tal-UE. Barra minn hekk, jista' jgħin fl-iżvilupp ta' swieq ewlenin għal prodotti sostenibbli u ċirkolari, f'konformità mal-Patt għal

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2024/3110 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti għall-bini u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 305/2011, ĠU L, 2024/3110, 18.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/3110/oj.

[2] U fil-pajjiżi taż-ŻEE, fl-Iżvizzera u fit-Turkija

[3] Il-Grupp ta' Esperti tal-Acquis tas-CPR (E03776); ir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u entitajiet oħra simili.

[4] Boxxla għall-Kompetittività tal-UE COM(2025) 30 final.

Industrija Nadifa[5]" reċenti, mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Azzar u l-Metalli[6], mad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija[7], u mal-Istrateġija tal-UE 2025 dwar il-bijoekonomija[8]. Il-Kummissjoni qed tippjana li tadotta l-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari biex tagħti spinta lill-provvista ta' materjali sekondarji ta' kwalità għolja u lid-domanda għalihom, u l-Att għall-Aċċeleratur Industrijali[9] biex jikkomplementa dawn l-inizjattivi.

Is-CPR huwa kontribut ewlieni għall-ambizzjoni tal-Patt għal Industrija Nadifa li sal-2030, l-UE ssir mexxejja dinjija fl-ekonomija ċirkolari. L-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati skont is-CPR – ikkomplementati minn miżuri li jappoġġaw iċ-ċirkolarità tas-settur tal-kostruzzjoni fl-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari li jmiss – se tkun ċentrali biex l-ekonomiji tagħna jsiru aktar kompetittivi u aktar ċirkolari peress li jipprovdu ambjent regolatorju sħiħ u affidabbli u jippromwovu swieq ewlenin għal prodotti sostenibbli u ċirkolari. Fil-qosor, is-CPR se javvanza b'mod sinifikanti l-għan tagħna ta' ekonomija tal-UE nadifa, dekarbonizzata u effiċjenti fir-riżorsi.

Is-CPR se jkun ukoll element ewlieni tal-Istrateġija Ewropea għall-Kostruzzjoni tal-Akkomodazzjoni[10] billi jiffaċilita l-innovazzjoni u jsaħħaħ il-kompetittività tal-industrija. Permezz tal-iżvilupp ta' standards armonizzati ġodda, l-aġġornament ta' dawk eżistenti sal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u l-iżvilupp ta' Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni (EADs, European Assessment Documents) għal prodotti innovattivi, is-CPR jista' jappoġġa l-varar aċċellerat tal-manifattura mhux fuq il-post, li se jżid il-produttività tal-ekosistema ġenerali tal-kostruzzjoni u se jgħin biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' akkomodazzjoni billi jnaqqas iż-żminijiet tal-kostruzzjoni. L-introduzzjoni tal-Passaport Diġitali tal-Prodott se tappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-ekosistema tal-kostruzzjoni.

## 1.2 Il-proċess tal-Acquis tas-CPR

Fl-2020, il-Kummissjoni bdiet l-hekk imsejjaħ proċess tal-Acquis tas-CPR skont is-CPR-2011[11] li għandu l-għan li jiġbor il-ħtiġijiet tekniċi u regolatorji mill-partijiet ikkonċernati u mill-Istati Membri biex jinħolqu talbiet ta' standardizzazzjoni dettaljati, atti delegati, rekwiżiti tal-prodott u informazzjoni dwar il-prodott. Dan jippermetti li jiġu aġġornati l-istandards armonizzati eżistenti kollha skont is-CPR u li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom biex ikopru prodotti ġodda.

Fl-2021, il-Kummissjoni stabbiliet il-Grupp ta' Esperti tal-Acquis tas-CPR u diversi Sottogruppi sabiex tiġi strutturata l-ħidma tal-proċess tal-Acquis tas-CPR. Kull Sottogrupp qed jaħdem fuq waħda jew aktar mill-familji ta' prodotti issa stabbiliti fl-Anness VII tas-CPR. Barra minn hekk, ġew stabbiliti tliet Sottogruppi orizzontali (dwar is-sostenibbiltà ambjentali, is-sikurezza kontra n-nirien u s-sustanzi perikolużi).

---

[5] Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni COM(2025) 85 final.
[6] Il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Azzar u l-Metalli COM(2025) 125 final.
[7] Id-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (riformulazzjoni), ĠU L, 2024/1275, 8.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1275/oj
[8] Lejn bijoekonomija ċirkolari, riġenerattiva, u kompetittiva
[9] L-Att dwar l-Aċċelleratur tad-Dekarbonizzazzjoni Industrijali – inħaffu d-dekarbonizzazzjoni
[10] L-Istrateġija Ewropea għall-kostruzzjoni tal-akkomodazzjoni
[11] Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE, ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5-43 Eli: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/305/oj.

L-Artikolu 4 tas-CPR jifformalizza l-proċess u jiddefinixxi l-kompiti tal-Kummissjoni u r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u ta' partijiet ikkonċernati oħra fil-proċess. L-istruttura tal-Grupp ta' Esperti ġiet allinjata mar-regolament il-ġdid fir-rebbiegħa tal-2025. L-assoċjazzjonijiet u l-NGOs Ewropej huma mħeġġa japplikaw biex isiru membri fil-Grupp ta' Esperti jew f'wieħed jew aktar mis-Sottogruppi[12] biex jikkontribwixxu għall-ħidma.




**Illustrazzjoni1: L-Istruttura tal-Grupp ta' Esperti tal-Acquis tas-CPR u s-Sottogruppi tiegħu**

## 1.3 Stadji importanti tal-proċess tal-Acquis tas-CPR

Il-ħidma f'familja ta' prodotti speċifika ssegwi stadji importanti predefiniti bid-dħul fis-seħħ ta' speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati (standards armonizzati u atti delegati ta' akkumpanjament) bħala kunsinna finali. Iċ-ċiklu ta' ħidma li jmiss f'familja ta' prodotti speċifika jibda meta l-Istati Membri u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jqisu li jkun hemm bżonn li jiġu aġġornati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati rispettivi. L-esperti fl-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni normalment jibdew jikkonsultaw dwar il-ħtieġa għar-reviżjonijiet tal-istandards 5 snin wara li jkunu ppreżentaw l-istandards lill-Kummissjoni[13]. Wara konsultazzjonijiet bħal dawn, il-Kummissjoni se tikkonsulta wkoll mas-Sottogruppi rispettivi tal-Grupp ta' Esperti tal-Acquis tas-CPR.

---

[12] Sejħiet dejjem miftuħin għal applikazzjonijiet għall-Gruppi ta' Esperti tal-Kummissjoni.
[13] Ara pereżempju, ir-Rieżami tal-Istandards Ewropej




**Illustrazzjoni2: Stadji importanti tal-proċess tal-Acquis tas-CPR**

### 1.3.1 Stadju importanti 0

Dan l-istadju importanti huwa fakultattiv u jittratta l-iżvilupp ta' metodi ta' valutazzjoni.

Jekk ma jkun hemm l-ebda metodu ta' valutazzjoni Ewropew (aġġornat) għal karatteristiċi essenzjali importanti jew għal rekwiżiti tal-prodott u l-iżvilupp jew l-aġġornament tiegħu/tagħhom ikunu jeħtieġu xi żmien u riżorsi addizzjonali barra minn dawk normalment meħtieġa, il-ħidma tal-Acquis tas-CPR ta' wara tista' titħaffef billi jinbeda proġett skont sejħa miftuħa tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs (EISMEA, European Innovation Council and SMEs Executive Agency) jew strumenti oħra ta' finanzjament biex dawn jiġi/jiġu żviluppat(i) jew aġġornat(i).

L-Istadju importanti 0 jista' jibda qabel id-deċiżjoni tal-Grupp ta' Esperti tal-Acquis tas-CPR li jibda uffiċjalment il-ħidma fis-Sottogrupp rispettiv.

### 1.3.2 Bidu tal-ħidma f'Sottogrupp:

Il-Kummissjoni taqbel mal-Istati Membri u ma' membri oħra tal-Grupp ta' Esperti tal-Acquis tas-CPR biex jinbeda ċ-ċiklu ta' ħidma relatat ma' familja ta' prodotti fis-Sottogrupp rispettiv tal-Grupp ta' Esperti tal-Acquis tas-CPR fiż-żmien stabbilit fil-pjan ta' ħidma.

L-ewwel pass huwa li jiġi stabbilit il-programm ta' ħidma tas-Sottogrupp: Il-membri tas-Sottogrupp se jaqblu fuq ir-riżultati tanġibbli speċifiċi u fuq skeda ta' żmien indikattiva għat-tħejjija tal-kontenut tekniku għat-talba ta' standardizzazzjoni u l-atti delegati ta' akkumpanjament.

### 1.3.3 Stadju importanti I

L-Istadju importanti I jittratta d-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-familja ta' prodotti. Is-Sottogrupp l-ewwel jiddeċiedi fuq liema prodotti, inkluż liema materjali u użi maħsuba fil-familja ta' prodotti għandhom jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tax-xogħol f'dan iċ-ċiklu ta' ħidma (eż. mhux il-prodotti kollha immaġinabbli jridu jiġu armonizzati, mhux l-istandards armonizzati eżistenti kollha jridu jiġu aġġornati fl-istess ħin). Din id-deċiżjoni trid tiġi approvata mill-Grupp ta' Esperti tal-Acquis tas-CPR.

### 1.3.4 Stadju importanti II

L-Istadju importanti II jittratta l-ħolqien ta' bordijiet tekniċi tas-Sottogrupp (meta rilevanti). Jekk il-kamp ta' applikazzjoni definit skont l-Istadju importanti I jkun wiesa' u jinkludi prodotti eteroġenji, il-parteċipanti tas-Sottogrupp jistgħu jaqsmu x-xogħol f'diversi bordijiet tekniċi (gruppi ta' ħidma fi ħdan is-Sottogrupp).

### 1.3.5 Stadju importanti III

L-Istadju importanti III jittratta t-tħejjija tal-kontenut tekniku (struttura ta' livell għoli tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati) għat-talba ta' standardizzazzjoni u l-atti delegati ta' akkumpanjament. Dan huwa l-aktar stadju importanti fejn isseħħ il-ħidma ewlenija. Abbażi tal-ħtiġijiet regolatorji tal-Istati Membri, tal-prijoritajiet tal-Kummissjoni (eż. dawk relatati mal-Patt għal Industrija Nadifa jew mal-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari), tal-kontributi tal-industrija, tal-konsumaturi u ta' partijiet ikkonċernati oħra, is-Sottogrupp jiġbor u għandu l-għan li jaqbel fuq:

(a) Ir-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni (BRCW, basic requirements for construction works) (l-Anness I tas-CPR)

- (1) Il-karatteristiċi essenzjali, inkluża l-identifikazzjoni ta' limiti u klassijiet ta' prestazzjoni, u metodi ta' valutazzjoni;
- (2) Id-dokumentazzjoni tal-prodott u/jew il-kalkolu biex tiġi espressa l-prestazzjoni tal-imġiba strutturali (meta rilevanti);
- (3) Il-klawżoli ta' valutazzjoni u verifika (AV, assessment and verification) u l-verifiki tal-kontrolli tal-produzzjoni f'fabbrika (FPC, factory production control);
- (4) L-inkonsistenzi fir-regolamenti nazzjonali dwar il-kostruzzjoni jew magħhom;

(b) Il-karatteristiċi essenzjali ambjentali stabbiliti minn qabel (l-Anness II tas-CPR)

(c) L-informazzjoni ġenerali dwar il-prodott, l-istruzzjonijiet għall-użu u l-informazzjoni dwar is-sikurezza (l-Anness IV tas-CPR)

(d) Ir-rekwiżiti tal-prodott (l-Anness III tas-CPR)

- (1) Ir-rekwiżiti li jiżguraw il-funzjonament u l-prestazzjoni xierqa;
- (2) Ir-rekwiżiti għas-sikurezza tal-prodotti;
- (3) Ir-rekwiżiti ambjentali tal-prodotti;

(e) Is-sistemi ta' valutazzjoni u verifika applikabbli (l-Anness IX tas-CPR)

Is-Sottogrupp se jivverifika jekk l-eżitu jirriflettix biżżejjed il-ħtiġijiet regolatorji nazzjonali. L-eżitu tal-Istadju importanti III se jiġi ppreżentat lill-Grupp ta' Esperti tal-Acquis tas-CPR.

### 1.3.6 Stadju importanti IV

L-Istadju importanti IV jittratta l-proċess finali biex tiġi adottata t-talba ta' standardizzazzjoni għal standards armonizzati li jittrattaw il-prestazzjoni u l-atti legali addizzjonali relatati magħhom (eż. klassijiet, limiti, dikjarazzjoni obbligatorji jew tikketti).

Wara l-approvazzjoni tal-Istadju importanti III mill-Grupp ta' Esperti tal-Acquis tas-CPR, il-Kummissjoni se tabbozza t-talba rispettiva ta' standardizzazzjoni (att ta' implimentazzjoni bi

proċedura ta' eżami skont ir-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni)[14] abbażi tad-dokument tal-Istadju importanti III. Wara li tikkonsulta mal-Grupp ta' Esperti tal-Acquis tas-CPR, il-Kummissjoni se tippreżenta formalment it-talba ta' standardizzazzjoni lill-Kumitat dwar l-Istandards[15] u se tadottaha wara vot pożittiv tal-Istati Membri.

L-Istadju importanti III jista' jidentifika wkoll il-ħtieġa li jiġu stabbiliti rekwiżiti tal-prodott. F'dan il-każ, il-Kummissjoni se tadotta att delegat li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-prodott wara li tkun għamlet obbligatorju l-istandard armonizzat tal-prestazzjoni rispettiv (ara 1.3.8) u, jekk ikun meħtieġ, toħroġ talba separata ta' standardizzazzjoni għall-iżvilupp ta' standards armonizzati (volontarji) biex tipprovdi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti tal-prodott.

### 1.3.7 Abbozzar tal-istandard armonizzat tal-prestazzjoni

It-talbiet ta' standardizzazzjoni adottati se jiġu ppreżentati lill-organizzazzjoni tal-istandardizzazzjoni rilevanti għall-aċċettazzjoni (normalment lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) iżda jista' jkun ukoll lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) għal prodotti elettriċi bħal kejbils). L-organizzazzjoni tal-istandardizzazzjoni se taċċetta, se tħejji l-istandards, se tippubblikahom u se tippreżentahom lill-Kummissjoni għall-iskrutinju. Sabiex jiġi żgurat tfassil f'waqtu, il-ħidma hija soġġetta għal skadenzi definiti fit-talba ta' standardizzazzjoni.

### 1.3.8 L-istandard isir obbligatorju

Il-Kummissjoni se tivverifika jekk l-istandards humiex konformi mat-talba ta' standardizzazzjoni u jekk humiex allinjati mal-qafas legali Ewropew u mbagħad se tadotta att ta' implimentazzjoni bi proċedura konsultattiva biex l-istandard isir obbligatorju. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni tadotta att delegat biex tapprova l-klassijiet, il-limiti u d-dikjarazzjonijiet obbligatorji applikabbli inklużi fl-istandards li se jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin bħall-att ta' implimentazzjoni.

## 1.4 Ħidma tal-Acquis tas-CPR fuq il-Familji ta' Prodotti 2020-2025

Bejn l-2020 u l-ewwel trimestru tal-2025, bdiet il-ħidma f'14-il Sottogrupp li jittrattaw il-familji ta' prodotti. Ġie deċiż li jingħaqdu l-flussi tax-xogħol fuq prodotti tal-injam strutturali/elementi u prodotti anċillari (il-familja ta' prodotti 13) ma' pannelli tal-injam u elementi (il-familja ta' prodotti 14). Sa issa, il-Kummissjoni adottat tliet talbiet ta' standardizzazzjoni abbażi ta' din il-ħidma għal 21 standard armonizzat, erba' standards ta' appoġġ u rapport tekniku wieħed (l-ewwel tnejn li għadhom skont is-CPR-2011):

- Prodotti tal-konkrit mogħtija l-forma minn qabel normali/ħfief/li jinqasmu waħedhom u mogħtija l-arja (il-familja ta' prodotti 1)[16]
- Prodotti metalliċi strutturali u prodotti anċillari (il-familja ta' prodotti 20)[17]
- Siment, ġir tal-bini u binders idrawliċi oħrajn (il-familja ta' prodotti 15)[18]

---

[14] Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea, ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12–33, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1025/oj.

[15] Il-Kumitat stabbilit fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea, ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12–33, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1025/oj.

[16] eNorm Platform

[17] eNorm Platform

[18] eNorm Platform

Bħalissa qed jitħejjew erba' talbiet oħra ta' standardizzazzjoni:

- Ħadid għar-rinfurzar u l-prestressing tal-konkos (u prodotti anċillari) - Kittijiet tal-post tensioning (il-familja ta' prodotti 16)
- Bibien, twieqi, kontraporti, gradi u aċċessorji relatati mal-bini (il-familja ta' prodotti 2)
- Prodotti ta' iżolament termali - kittijiet/sistemi komposti ta' iżolament (il-familja ta' prodotti 4)
- Prodotti ta' ħġieġ ċatt, ħġieġ profilat u blokok tal-ħġieġ (il-familja ta' prodotti 30)

## 2 Metodoloġija u Ffissar tal-Prijoritajiet għall-Pjan ta' Ħidma tas-CPR

Is-CPR jistabbilixxi fl-Artikolu 4(2) li "l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-prijoritajiet tal-pjan ta' ħidma b'metodoloġija trasparenti u bbilanċjata, li għandu jiġi ppubblikat flimkien mal-pjan ta' ħidma. Dik il-metodoloġija għandha mill-inqas tirrifletti l-ħtiġijiet regolatorji tal-Istati Membri, il-kwistjonijiet ta' sikurezza relatati max-xogħlijiet u l-prodotti għall-bini u l-għanijiet klimatiċi u tal-ekonomija ċirkolari tal-Unjoni."

Il-pjan ta' ħidma tas-CPR isegwi approċċ simili għall-pjan ta' ħidma[19] għar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli (ESPR, Ecodesign for Sustainable Products Regulation)[20]. Madankollu, hemm differenza ewlenija fil-kontenut: Il-pjan ta' ħidma tas-CPR jistabbilixxi prinċipalment l-iskeda ta' żmien tal-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati ġodda għall-familji ta' prodotti kollha tal-Anness VII tas-CPR. Matul il-ħidma fis-Sottogruppi speċifiċi tal-Grupp ta' Esperti tal-Acquis tas-CPR dwar il-familji ta' prodotti rispettivi, se jiġi identifikat u deċiż liema prodotti, karatteristiċi essenzjali, klassijiet, limiti, rekwiżiti tal-prodott, tikketti, informazzjoni dwar il-prodott eċċ. għandhom jiġu regolati.

Għalhekk, il-metodoloġija trasparenti u bbilanċjata meħtieġa tiffoka l-aktar fuq l-ordni t-tajba tal-familji ta' prodotti li fihom għandhom jiġu żviluppati jew aġġornati speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati.

Il-parti ewlenija ta' din il-metodoloġija hija li jiġi ddeterminat kif għandha tiġi stabbilita ordni ta' prijorità għat-tnedija tal-ħidma tas-Sottogruppi sussegwenti. Il-punt tat-tluq huwa l-ordni stabbilita fl-2020[21]. Dan kien ibbażat fuq konsultazzjoni tal-prijoritajiet tal-Istati Membri għall-Acquis tas-CPR skont is-CPR-2011. L-Istati Membri ntalbu jindikaw is-sekwenza li fiha għandha tibda l-ħidma fuq 34 familja ta' prodotti. Din il-konsultazzjoni rriżultat fl-ordni ta' prijoritizzazzjoni ppreżentata abbażi tat-tmien kriterji li ġejjin[22]:

1. Il-ħtiġijiet regolatorji tal-Istati Membri,
2. Kwistjonijiet ta' sikurezza relatati mar-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni,
3. Kwistjonijiet inerenti ta' sikurezza tal-prodotti għall-kostruzzjoni,

[19] ESPR and Energy Labelling Working Plan 2025-30
[20] Ir-Regolament (UE) 2024/1781 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi qafas għall-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli, li jemenda d-Direttiva (UE) 2020/1828 u r-Regolament (UE) 2023/1542 u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L, 2024/1781, 28.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1781/oj
[21] Acquis - Il-Kummissjoni Ewropea
[22] https://ec.europa.eu/docsroom/documents/42128/attachments/1/translations/en/renditions/native

4. Kwistjonijiet ambjentali, inklużi l-enerġija u s-sostenibbiltà,
5. Id-daqs tas-suq tal-UE fil-volum,
6. Il-kummerċ transfruntier,
7. Il-kummerċ transfruntier potenzjali, u
8. Nuqqas ta' kompletezza jew nuqqas ta' eżistenza ta' standards armonizzati.

**Tabella 1 - Lista ta' prijorità inizjali, familji ta' prodotti u mandati**[23]

| Prijorità fl-2020 | Nru tal-Familja ta' Prodotti | Familja ta' Prodotti | Mandat ta' Standardizzazzjoni Antik | Kodiċi bl-Ittri |
|---|---|---|---|---|
| 01 | 01 | Prodotti tal-konkrit mogħtija l-forma minn qabel normali/ħfief/li jinqasmu waħedhom u mogħtija l-arja | M100 Prodotti tal-konkrit mogħtija l-forma minn qabel | PCP |
| 02 | 20 | Prodotti metalliċi strutturali u prodotti anċillari | M120 prodotti metalliċi strutturali | SMP |
| 03 | 16 | Ħadid għar-rinfurzar u l-prestressing tal-konkos (u prodotti anċillari) - Kittijiet tal-post tensioning | M115 Ħadid għar-rinfurzar | RPS |
| 04 | 02 | Bibien, twieqi, kontraporti, gradi u aċċessorji relatati mal-bini | M101 Bibien, twieqi | DWS |
| 05 | 15 | Siment, ġir tal-bini u binders idrawliċi oħrajn | M114 Siment | CEM |
| 06 | 04 | Prodotti ta' iżolament termali [- Kittijiet/sistemi komposti ta' iżolament] | M103 Prodotti ta' iżolament termali | TIP |
| 07 | 13 | Prodotti tal-injam strutturali/elementi u prodotti anċillari | M112 Prodotti tal-injam strutturali u prodotti anċillari | STP |
| 08 | 26 | Prodotti relatati mal-konkrit, tikħil u ħalib tat-tikħil | M128 Konkrit, tikħil u ħalib tat-tikħil | CMG |
| 09 | 17 | Bini bil-ġebel u prodotti relatati - unitajiet ta' bini bil-ġebel, tikħil u prodotti anċillari | M116 Bini bil-ġebel | MAS |
| 10 | 24 | Aggregati | M125 Aggregati | AGG |
| 11 | 10 | Tagħmir fiss ta' tifi tan-nar (prodotti ta' twissija tan-nar/rilevament tan-nar, ta' tifi tan-nar fiss, ta' kontroll tan-nar u d-dħaħen u ta' trażżin ta' splużjonijiet) | M109 Tagħmir fiss ta' tifi tan-nar | FFF |
| 12 | 23 | Prodotti għall-bini tat-toroq | M124 Prodotti għall-bini tat-toroq | RCP |
| 13 | 19 | Pavimentar | M119 Pavimentar | FLO |
| 14 | 04 | [Prodotti ta' iżolament termali] - Kittijiet/sistemi komposti ta' iżolament | M489 ETICS | |
| 15 | 09 | Kittijiet ta' ħitan minn barra/kisi/sistemi ta' glejżjar siġillant strutturali | M108 Kittijiet ta' ħitan minn barra | CWP |
| 16 | 14 | Pannelli tal-injam u elementi | M113 Pannelli tal-injam | WBP |
| 17 | 05 | Kuxxinetti strutturali - Pinnijiet għal ġonot strutturali | M104 Kuxxinetti strutturali | SBE |
| 18 | 34 | Kittijiet tal-bini, unitajiet u elementi prefabbrikati | Kittijiet u prodotti assemblati tal-familji ta' hawn fuq | KAS |
| 19 | 21 | Kisi intern u estern tal-ħitan u tas-soqfa - Kittijiet ta' diviżjoni interna | M121 Kisi tal-ħitan u tas-soqfa | WCF |
| 20 | 27 | Apparat li jsaħħan l-ambjent | M129 Apparat li jsaħħan l-ambjent | SHA |
| 21 | 22 | Kisi tal-bjut, tamboċċi, twieqi fis-soqfa u prodotti anċillari - Kittijiet għas-soqfa | M122 Kisi tal-bjut | ROC |

[23] https://ec.europa.eu/docsroom/documents/42129/attachments/1/translations/en/renditions/native

| Prijorità fl-2020 | Nru tal-Familja ta' Prodotti | Familja ta' Prodotti | Mandat ta' Standardizzazzjoni Antik | Kodiċi bl-Ittri |
|---|---|---|---|---|
| 22 | 12 | Attrezzaturi fissi għal ċirkolazzjoni stradali: tagħmir għat-toroq | M111 Attrezzaturi fissi għal ċirkolazzjoni stradali | CIF |
| 23 | 18 | Prodotti tal-inġinerija tal-ilma mormi | M118 Rimi tal-ilma mormi | WWD |
| 24 | 25 | Adeżivi tal-kostruzzjoni | M127 Adeżiv | ADH |
| 25 | 07 | Prodotti tal-ġibs | M106 Ġibs | GYP |
| 26 | 33 | Fissaġġi | M/A | FIX |
| 27 | 03 | Membrani, inklużi dawk applikati bħala likwidu u kittijiet (għall-kontroll tal-ilma u/jew tal-fwar mill-ilma) | M102 Membrani | MEM |
| 28 | 30 | Prodotti ta' ħġieġ ċatt, ħġieġ profilat u blokok tal-ħġieġ | M135 Ħġieġ | GLA |
| 29 | 08 | Ġeotessili, ġeomembrani, u prodotti relatati | M107 Ġeotessili | GEO |
| 30 | 11 | Apparat sanitarju | M110 Apparat sanitarju | SAP |
| 31 | 28 | Pajpijiet, tankijiet u prodotti anċillari li mhumiex f'kuntatt ma' ilma intiż għall-konsum mill-bniedem | M131 Pajpijiet, tankijiet li mhumiex f'kuntatt mal-ilma tax-xorb | PTA |
| 32 | 31 | Kejbils tal-elettriku, ta' kontroll u ta' komunikazzjoni | M443 Kejbils tal-elettriku, ta' kontroll u ta' komunikazzjoni | CAB |
| 33 | 06 | Ċmieni, tubi ta' ġo fihom u prodotti speċifiċi | M105 Ċumnija | CHI |
| 34 | 32 | Siġillanti għall-ġonot | M474 Siġillanti għal użu mhux strutturali fil-ġonot fil-bini u fil-bankini | SEA |
| M/A | 29 | Prodotti għall-bini f'kuntatt ma' ilma intiż għall-konsum mill-bniedem | M/A | DWP |
| M/A | 35 | Prodotti ta' twaqqif tan-nar, siġillanti tan-nar u prodotti għal protezzjoni kontra n-nar - Prodotti li jittardjaw in-nar | M/A | FPP |
| M/A | 36 | Slielem imwaħħlin | M/A | LAD |

Billi l-ħidma li bdiet skont is-CPR-2011 għadha għaddejja, il-Kummissjoni pproponiet lill-Grupp ta' Esperti tal-Acquis tas-CPR fil-bidu tal-2025 biex iżomm il-biċċa l-kbira tal-ordni stabbilita fl-2020, peress li xorta waħda kienet tirrifletti l-ħtiġijiet regolatorji tal-Istati Membri, il-kwistjonijiet ta' sikurezza relatati max-xogħlijiet u l-prodotti għall-kostruzzjoni, u l-għanijiet klimatiċi u tal-ekonomija ċirkolari tal-Unjoni[24]. Il-Kummissjoni pproponiet li taġġorna kemxejn l-ordni stabbilita qabel biex:

(1) tadatta għall-bidliet fil-prijoritajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-ħtiġijiet regolatorji tagħhom;

(2) tirrifletti fuq il-prijoritajiet kurrenti tal-Kummissjoni, speċjalment fir-rigward tal-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli, l-Istrateġija Ewropea għall-Kostruzzjoni tal-Akkomodazzjoni, il-Patt għal Industrija Nadifa, l-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari u l-Istrateġija tal-UE dwar il-bijoekonomija dwar kif tali inizjattivi jistgħu jiġu kkomplementati mis-CPR.

(3) tiżgura li l-kamp ta' applikazzjoni tas-CPR ikun rifless bis-sħiħ billi jiġu inklużi l-familji ta' prodotti kollha elenkati fl-Anness VII.

[24] Ara r-Reġistru tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u entitajiet oħra simili

(4) tissinkronizza l-attivitajiet ta’ implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli mal-ħidma fuq l-Acquis tas-CPR, filwaqt li tiżgura li l-ħidma għal prodotti (simili) koperti miż-żewġ regolamenti sseħħ fl-istess ħin.

(5) tissimplifika l-attivitajiet jekk il-ħidma fuq żewġ familji ta’ prodotti tista’ tiġi kkombinata f’Sottogrupp wieħed.

Il-konsultazzjoni mal-Grupp ta’ Esperti tal-Acquis tas-CPR irriżultat fl-ordni li ġejja biex tinbeda l-ħidma f’Sottogruppi speċifiċi.

**Tabella 2 - Lista ta’ prijorità ġdida ta’ familji ta’ prodotti**

| Prijorità ġdida/ status | Prijorità fl-2020 | Nru tal-Familja ta’ Prodotti | Familja ta’ Prodotti | Kodiċi bl-Ittri | Ħidma tal-Acquis tas-CPR Mibdija |
|---|---|---|---|---|---|
| SReq. adottat[25] | 01 | 01 | Prodotti tal-konkrit mogħtija l-forma minn qabel normali/ħfief/li jinqasmu waħedhom u mogħtija l-arja | PCP | Iva |
| SReq. adottat | 02 | 20 | Prodotti metalliċi strutturali u prodotti anċillari | SMP | Iva |
| SReq. adottat | 03 | 16 | Ħadid għar-rinfurzar u l-prestressing tal-konkos (u prodotti anċillari) - Kittijiet tal-post tensioning | RPS | Iva |
| Tħejjija tal-SReq. | 04 | 02 | Bibien, twieqi, kontraporti, gradi u aċċessorji relatati mal-bini | DWS | Iva |
| SReq. adottat | 05 | 15 | Siment, ġir tal-bini u binders idrawliċi oħrajn | CEM | Iva |
| Tħejjija tal-SReq. | 06 | 04 | Prodotti ta’ iżolament termali - Kittijiet/sistemi komposti ta’ iżolament | TIP | Iva |
| Tħejjija tal-SReq. | 28 | 30 | Prodotti ta’ ħġieġ ċatt, ħġieġ profilat u blokok tal-ħġieġ | GLA | Iva |
| 01 | 07 | 13 | Prodotti tal-injam strutturali/elementi u prodotti anċillari | STP | Iva |
| | 16 | 14 | Pannelli tal-injam u elementi | WBP | Iva |
| 02 | 08 | 26 | Prodotti relatati mal-konkrit, tikħil u ħalib tat-tikħil | CMG | Iva |
| 03 | 09 | 17 | Bini bil-ġebel u prodotti relatati - unitajiet ta’ bini bil-ġebel, tikħil u prodotti anċillari | MAS | Iva |
| 04 | 10 | 24 | Aggregati | AGG | Iva |
| 05 | 15 | 09 | Kittijiet ta’ ħitan minn barra/kisi/sistemi ta’ glejżjar siġillant strutturali | CWP | Iva |
| 06 | 11 | 10 | Tagħmir fiss ta’ tifi tan-nar (prodotti ta’ twissija tan-nar/rilevament tan-nar, ta’ tifi tan-nar fiss, ta’ kontroll tan-nar u d-dħaħen u ta’ trażżin ta’ splużjonijiet) | FFF | Nru |
| 07 | 12 | 23 | Prodotti għall-bini tat-toroq | RCP | Nru |
| 08 | 13 | 19 | Pavimentar | FLO | Nru |
| 09 | 18 | 34 | Kittijiet tal-bini, unitajiet u elementi prefabbrikati | KAS | Nru |
| | M/A | 36 | Slielem imwaħħlin | LAD | Nru |
| 10 | 19 | 21 | Kisi intern u estern tal-ħitan u tas-soqfa - Kittijiet ta’ diviżjoni interna | WCF | Nru |
| 11 | 25 | 07 | Prodotti tal-ġibs | GYP | Nru |
| 12 | 17 | 05 | Kuxxinetti strutturali - Pinnijiet għal ġonot strutturali | SBE | Nru |
| 13 | 20 | 27 | Apparat li jsaħħan l-ambjent | SHA | Nru |

[25] SReq tfisser talba ta’ standardizzazzjoni

| Prijorità ġdida/ status | Prijorità fl-2020 | Nru tal-Familja ta' Prodotti | Familja ta' Prodotti | Kodiċi bl-Ittri | Ħidma tal-Acquis tas-CPR Mibdija |
|---|---|---|---|---|---|
| 14 | 21 | 22 | Kisi tal-bjut, tamboċċi, twieqi fis-soqfa u prodotti anċillari - Kittijiet għas-soqfa | ROC | Nru |
| 15 | 22 | 12 | Attrezzaturi fissi għal ċirkolazzjoni stradali: tagħmir għat-toroq | CIF | Nru |
| 16 | 23 | 18 | Prodotti tal-inġinerija tal-ilma mormi | WWD | Nru |
| 17 | 24 | 25 | Adeżivi tal-kostruzzjoni | ADH | Nru |
| | 34 | 32 | Siġillanti għall-ġonot | SEA | Nru |
| 18 | M/A | 35 | Prodotti ta' twaqqif tan-nar, siġillanti tan-nar u prodotti għal protezzjoni kontra n-nar - Prodotti li jittardjaw in-nar | FPP | Nru |
| 19 | 26 | 33 | Fissaġġi | FIX | Nru |
| 20 | 27 | 03 | Membrani, inklużi dawk applikati bħala likwidu u kittijiet (għall-kontroll tal-ilma u/jew tal-fwar mill-ilma) | MEM | Nru |
| 21 | 29 | 08 | Ġeotessili, ġeomembrani, u prodotti relatati | GEO | Nru |
| 22 | 30 | 11 | Apparat sanitarju | SAP | Nru |
| 23 | 31 | 28 | Pajpijiet, tankijiet u prodotti anċillari li mhumiex f'kuntatt ma' ilma intiż għall-konsum mill-bniedem | PTA | Nru |
| 24 | M/A | 29 | Prodotti għall-bini f'kuntatt ma' ilma intiż għall-konsum mill-bniedem | DWP | Nru |
| 25 | 32 | 31 | Kejbils tal-elettriku, ta' kontroll u ta' komunikazzjoni | CAB | Nru |
| 26 | M/A | M/A | Żebgħat dekorattivi u wallpapers | DPW | Nru |
| 27 | 33 | 06 | Ċmieni, tubi ta' ġo fihom u prodotti speċifiċi | CHI | Iva[26] |

# 3 MIŻURI ORIZZONTALI

Il-Kapitolu 3 u 4 jiddeskrivu l-azzjonijiet konkreti ppjanati għas-snin 2026 sa 2029.

## 3.1 Emenda tal-Anness VII (lista ta' familji ta' prodotti)

Il-Kummissjoni se temenda l-Anness VII biex tadattah għall-progress tekniku:

- Dan se jinkludi l-fużjoni ta' familji ta' prodotti 34 "Kittijiet tal-bini, unitajiet, u elementi prefabbrikati" u 36 "Slielem imwaħħlin", peress li dawn tal-aħħar ma jikkostitwux familja ta' prodotti weqfin waħedhom.
- Barra minn hekk, se tinħoloq familja ġdida ta' prodotti bl-isem ta' "Żebgħat dekorattivi u wallpapers". Bħalissa l-wallpaper huwa inkluż fil-familja ta' prodotti 21 iżda huwa aktar adattat li jaqa' taħt grupp separat flimkien maż-żebgħat dekorattivi. Meta l-ESPR jirregola ż-żebgħat, il-Kummissjoni għandha l-għan li tirregola ż-żebgħat tal-kostruzzjoni b'mod komplementari fil-qafas regolatorju tas-CPR.
- L-emenda se tinkludi wkoll it-twessigħ tal-isem tal-familja ta' prodotti 27 "Apparat li jsaħħan l-ambjent" għal "Apparat tat-tisħin u tat-tkessiħ" biex tinkludi l-apparat kollu tat-tisħin u tat-tkessiħ, u tal-familja ta' prodotti 31 "Kejbils tal-elettriku, ta' kontroll u ta' komunikazzjoni" għal "Kejbils tal-elettriku, ta' kontroll u ta' komunikazzjoni, prodotti u aċċessorji elettriċi u elettroniċi".

[26] Is-CEN qed jiżviluppa l-kontenut tekniku biex jadotta talba ta' standardizzazzjoni li għandha tiġi adottata fl-2026, li se tkopri parzjalment il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan is-Sottogrup. Il-bqija tal-prodotti (iċ-ċmieni weqfin waħedhom) se jiġu diskussi fl-ordni stabbilita fit-tabella.

- Fl-aħħar nett, il-familja ta' prodotti 22 "Kisi tal-bjut, tamboċċi, twieqi fis-soqfa u prodotti anċillari - Kittijiet għas-soqfa" se tingħata l-isem ġdid ta' "Kisi tal-bjut, u prodotti anċillari - Kittijiet tas-soqfa u pannelli fotovoltajċi" peress li t-tamboċċi u t-twieqi fis-soqfa diġà huma inklużi fil-familja ta' prodotti 2 "Bibien, twieqi, kontraporti, gradi u aċċessorji relatati mal-bini" u l-pannelli fotovoltajċi sa issa ma ssemmewx.

## 3.2 Ħidma fis-Sottogruppi orizzontali (nirien, sostenibbiltà ambjentali u sustanzi perikolużi)

### 3.2.1 Nirien

Il-Kummissjoni se tadotta atti delegati għar-reżistenza u għar-reazzjoni għan-nar tal-prodotti għall-kostruzzjoni. Barra minn hekk, l-att delegat għall-esponiment għan-nar estern – soqfa u tisqif se jiġi rieżaminat fl-2026 biex jiġi esplorat kif il-ħtiġijiet potenzjali mill-familja ta' prodotti 2 "Bibien, twieqi, kontraporti, gradi u aċċessorji relatati mal-bini" jista' jkollhom impatt fuq l-arranġamenti tal-ittestjar u tal-klassifikazzjoni (twieqi fis-soqfa u tamboċċi). Il-Kummissjoni se tibda l-ħidma fuq talba ta' standardizzazzjoni għal standard(s) għall-ittestjar tal-faċċati kontra n-nirien li għandu/għandhom jiġi/jiġu adottat(i) fl-2027. Din il-ħidma se tkun ibbażata fuq il-finalizzazzjoni tal-proġett ta' approċċ Ewropew għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-faċċati kontra n-nirien [27].

### 3.2.2 Sostenibbiltà ambjentali

Skont l-Artikolu 15 tas-CPR, id-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni u tal-konformità trid tinkludi l-prestazzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali tal-prodott matul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali ambjentali stabbiliti minn qabel elenkati fl-Anness II bħall-potenzjal ta' tisħin globali (totali, fossili, bijoġeniku u l-użu tal-art u l-bidla fl-użu tal-art). Dan l-approċċ jipprovdi kundizzjonijiet ekwi peress li l-metodi ta' valutazzjoni se japplikaw għall-prodotti għall-kostruzzjoni kollha inklużi materjali b'bażi bijoloġika.

Il-Kummissjoni qed tappoġġa l-abbozzar ta' regoli komplementari dwar il-kategorija tal-prodotti (c-PCR, complementary product category rules)[28]. Dan se jħaffef l-iżvilupp tal-kontenut tekniku meħtieġ għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar is-sostenibbiltà ambjentali tas-CPR u se jiżgura l-konsistenza u t-tfassil f'waqtu tal-istandards. Il-ħidma se tintuża f'talbiet futuri ta' standardizzazzjoni u f'regoli dwar il-kategorija tal-prodotti. L-għan aħħari huwa li jinkiseb qafas tekniku konsistenti għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti għall-kostruzzjoni.

Il-Kummissjoni nediet sejħa għall-offerti għas-settijiet ta' data tal-isfond għall-kalkolu tal-prestazzjoni ambjentali. Il-proġett għandu l-għan li jistabbilixxi settijiet ta' data tal-isfond Ewropej għall-manifatturi. Se jibda jipprovdi data għall-ewwel standards armonizzati li jinkludu s-sostenibbiltà ambjentali u se jiġi estiż għal aktar familji ta' prodotti matul is-snin li ġejjin.

Is-settijiet ta' data tal-isfond huma maħsuba biex jintużaw b'mod obbligatorju f'dawk il-każijiet fejn id-data speċifika għall-kumpaniji, inkluża wkoll id-data ta' kwalità għolja ġġenerata fl-implimentazzjoni tas-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS, emissions

[27] https://www.ri.se/en/expertise-areas/projects/european-approach-to-assess-the-fire-performance-of-facades
[28] Permezz tas-sejħa tal-EISMEA SMP-STAND-2025-ESOS-01-IBA, is-suġġett 24 Support to Standardisation activities performed by CEN, CENELEC and ETSI

trading system) għal installazzjonijiet kbar, ma tkunx disponibbli faċilment jew tkun għalja biex tinkiseb. Sabiex jiġi evitat "xiri ta' data" (jiġifieri l-għażla ta' dik id-data li tippermetti li l-prodott jidher bl-aqwa mod), is-settijiet ta' data tal-isfond għandhom ikunu ta' natura konservattiva.

Is-Sottogrupp dwar is-sostenibbiltà ambjentali qed jiddiskuti wkoll l-implimentazzjoni tal-valutazzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni omoġenja tal-AVS 3+ u l-iżvilupp tar-regoli għal atti delegati futuri għad-dikjarazzjoni mingħajr ittestjar tal-karatteristiċi essenzjali relatati mas-sostenibbiltà ambjentali.

Il-Kummissjoni se tadotta att delegat li jirrikonoxxi l-użu tad-data tal-ETS bħala input għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali għal dawk il-gruppi ta' prodotti, fejn id-data u l-metodoloġija tal-ETS jippermettu li jiġi kopert sehem konsiderevoli mill-emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja. Dan se jiżgura approċċ armonizzat tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE u se jnaqqas il-piż amministrattiv għall-manifatturi.

### 3.2.3 Sustanzi perikolużi

Fl-2026, il-Kummissjoni se tadotta talba ta' standardizzazzjoni biex tinkludi metodi ta' valutazzjoni addizzjonali li jikkomplementaw l-istrumenti eżistenti biex tivvaluta l-kontenut jew l-emissjonijiet fi prodotti għall-kostruzzjoni jew minnhom. Din il-ħidma se tiffoka fuq iż-żieda ta' sustanzi u materjali addizzjonali (eż. mikroplastiks) u metodi ta' valutazzjoni (biex jiġu kkomplementati/irfinati l-metodi eżistenti għall-emissjonijiet/il-kontenut ta' sustanzi perikolużi) biex jiġu adattati għal-leġiżlazzjoni l-ġdida tal-UE kif ukoll għar-rekwiżiti nazzjonali.

## 3.3 Il-passaport diġitali tal-prodott (DPP, digital product passport) - informazzjoni dwar il-partijiet kollha tal-katina tal-valur

Pilastru ewlieni tal-CPR huwa l-passaport diġitali tal-prodott. Kull prodott regolat minn speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati jew EADs skont is-CPR (mhux is-CPR-2011) se jkollu passaport diġitali tal-prodott ladarba d-DPP jiffunzjona u jsir obbligatorju permezz ta' att delegat. Id-DPP se jipprovdi aċċess għad-data għan-negozji, għall-konsumaturi u għall-awtoritajiet pubbliċi, abbażi ta' standards internazzjonali miftuħa u nonproprjetarji. Il-Kummissjoni bdiet il-proċess ta' standardizzazzjoni biex tistabbilixxi regoli dwar il-mezzi ta' data, l-infrastruttura u l-interoperabbiltà tad-data, li huma meħtieġa biex is-sistema tal-passaport tal-prodott tkun tista' tiżviluppa. Il-passaport diġitali tal-prodott se jiżgura t-traċċabbiltà tul il-katina tal-valur wara li l-prodott ikun ġie introdott fis-suq. Dan se jkun kontribut importanti għal diġitalizzazzjoni koerenti tal-ekosistema tal-kostruzzjoni. Se jappoġġa l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija[29], l-użu ta' Reġistru Diġitali tal-Bini, u ta' Mudelli ta' Informazzjoni dwar il-Bini (BIM, Building Information Models). Se tiġi inkluża informazzjoni dwar il-karatteristiċi u l-materjali essenzjali, flimkien ma' informazzjoni dwar kif il-prodott jista' jintuża b'mod sikur, jissewwa, jintuża mill-ġdid, jiġi rriċiklat u jintrema. Dan se jiffaċilita l-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott minn tarf sa tarf.

[29] Id-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (riformulazzjoni), ĠU L, 2024/1275, 8.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1275/oj

### 3.4 Għoti tas-setgħa lill-konsumaturi u lill-professjonisti: informazzjoni ġenerali dwar il-prodott, struzzjonijiet għall-użu u informazzjoni dwar is-sikurezza u tikketti informattivi

Is-CPR jiffoka ħafna fuq l-informazzjoni dwar il-prodott. L-Anness IV jiddefinixxi l-kontenut tal-informazzjoni dwar il-prodott. Il-Kummissjoni se titlob lill-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni fit-talbiet ta' standardizzazzjoni biex jabbozzaw gwida għall-manifatturi dwar kif għandhom jissodisfaw l-obbligi legali.

Għall-prodotti li jintgħażlu mill-konsumaturi, is-CPR jistabbilixxi li jistgħu jiġu introdotti tikketti obbligatorji ta' sostenibbiltà ambjentali biex jgħinu lill-konsumaturi jagħmlu għażliet infurmati u jistimulaw it-tibdil fl-imġiba. Dan jista' jgħin biex jiġu sfruttati l-benefiċċji tas-sostenibbiltà ambjentali tas-CPR lil hinn mil-livell li jista' jinkiseb billi jiġu regolati l-prestazzjonijiet minimi.

Fil-futur, din l-informazzjoni ġeneralment se tiġi pprovduta fil-passaport diġitali tal-prodott. Xi prodotti jista' jkollhom ukoll tikketta tal-ESPR u/jew tikketti oħra regolati minn leġiżlazzjoni speċifika tal-UE. Dawn it-tikketti se jipprovdu informazzjoni ċara u affidabbli dwar il-karatteristiċi jew dwar il-prestazzjoni rilevanti tal-prodott bħall-impronta tal-karbonju, il-bijokontenut, il-konsum tal-ilma, id-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija jew ir-riċiklabbiltà.

Se jkun il-kompitu tas-Sottogruppi tal-Acquis tas-CPR bħala parti mill-ħidma tagħhom fuq il-familji ta' prodotti u tas-Sottogrupp orizzontali dwar is-sostenibbiltà ambjentali li jidentifikaw il-prodotti għall-kostruzzjoni li għalihom għandhom jiġu stabbiliti tali tikketti. F'din il-valutazzjoni, is-Sottogruppi se jqisu t-tikketti eżistenti bbażati fuq il-leġiżlazzjoni tal-UE biex jiġu evitati d-duplikazzjonijiet u l-messaġġi li joħolqu konfużjoni għall-konsumaturi.

Il-Patt għal Industrija Nadifa ħabbar l-introduzzjoni ta' tikketta obbligatorja fuq is-siment (wiri tal-potenzjal ta' tisħin globali) meta l-istandards il-ġodda tas-siment isiru obbligatorji[30].

### 3.5 Akkwist pubbliku ekoloġiku

Is-CPR jipprevedi l-possibbiltà li jiġu adottati atti delegati li jistabbilixxu rekwiżiti minimi obbligatorji relatati mas-sostenibbiltà ambjentali għall-prodotti għall-kostruzzjoni fi proċeduri ta' akkwist pubbliku kull meta l-prodotti regolati minn standards armonizzati jkunu rilevanti għax-xerrejja pubbliċi u jkun ekonomikament fattibbli għalihom li jixtru l-aħjar prodotti ambjentalment sostenibbli. Dawn il-miżuri huma mfassla biex irawmu l-ħolqien ta' swieq ewlenin, jistimulaw l-investimenti u jgħinu lill-industrija tal-UE ttejjeb il-kompetittività tagħha f'konformità mal-objettivi tal-Patt għal Industrija Nadifa. Il-Kummissjoni se tniedi l-ewwel valutazzjoni tal-impatt sa tmiem l-2026.

Il-miżuri possibbli se jkollhom iqisu r-reviżjoni tal-qafas legali tal-akkwist pubbliku u l-Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali li jmiss.

---

[30] Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni COM/2025/85 final https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0085

## 4 MIŻURI RELATATI MA' FAMILJI TA' PRODOTTI

Il-qalba tax-xogħol hija relatata mal-familji ta' prodotti. It-tabella 3 li ġejja tippreżenta l-azzjonijiet ippjanati u kontinwi kollha matul il-perjodu tal-pjan ta' ħidma mill-2026 sal-2029 għall-familji ta' prodotti kollha magħżula skont l-ordni stabbilita fit-tabella 2. Il-familji ta' prodotti huma organizzati mill-bidu (ipproġettat) tal-ħidma tal-Acquis. Id-dati kollha huma indikattivi.

Spjegazzjoni tat-tabella:

— Kodiċi tal-familja ta' prodotti - kodiċi bi tliet ittri assenjat fl-Acquis tas-CPR
— Stadju importanti I - it-tfassil tad-dokument tal-Istadju importanti I: prodotti li għandhom jiġu koperti
— Stadju importanti III - it-tfassil tad-dokument tal-Istadju importanti III: il-karatteristiċi essenzjali, il-klassijiet, il-limiti, l-informazzjoni ġenerali dwar il-prodott, l-istruzzjonijiet għall-użu u l-informazzjoni dwar is-sikurezza u l-kontenut preliminari għar-rekwiżiti tal-prodott (meta applikabbli).
— Talba ta' standardizzazzjoni - l-abbozz ta' talba ta' standardizzazzjoni ppreżentat għall-vot tal-Kumitat dwar l-Istandards.
— Skadenza tat-tfassil tal-istandards - it-tfassil mistenni tal-ewwel standards inklużi fit-talba ta' standardizzazzjoni, id-dati speċifiċi għal kull prodott li għandhom jiġu diskussi
— Standard magħmul obbligatorju u adozzjoni tal-att delegat (DA, delegated act) - id-data tal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni li jagħmel l-istandards obbligatorji u l-att delegat li jistabbilixxi l-klassijiet, il-limiti, id-dikjarazzjoni obbligatorja, eċċ. relatati miegħu.
— Att delegat dwar ir-rekwiżiti tal-prodott - id-data tal-adozzjoni tal-att delegat li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-prodott. Dan jista' jiġi segwit minn talba ta' standardizzazzjoni separata għall-iżvilupp ta' standards armonizzati volontarji biex tiġi pprovduta preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti
— Informazzjoni addizzjonali - informazzjoni rilevanti oħra li għandha titqies bħall-ħidma preparatorja fl-Istadju importanti 0 mniedi f'xi gruppi.

**Tabella 3: Miżuri relatati ma' familji ta' prodotti**

| Nru tal-Familja ta' Prodotti fl-Anness VII. | Familja ta' Prodotti | Kodiċi | Stadju importanti I | Stadju importanti III | Talba ta' standardizzazzjoni | Skadenza tat-tfassil tal-istandards | Standard isir obbligatorju u adozzjoni tal-att delegat | Att delegat dwar ir-rekwiżiti tal-prodott | Informazzjoni addizzjonali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | prodotti tal-konkrit mogħtija l-forma minn qabel normali/ħfief/li jinqasmu waħedhom u mogħtija l-arja | PCR | lest | lest | Q2 2025 | Q4 2025 | Q4 2025 | le | ċitazzjoni skont is-CPR-2011 |
| 20 | prodotti metalliċi strutturali u prodotti anċillari | SMP | lest | lest | Q3 2025 | Q4 2025 | Q2 2026 | le | ċitazzjoni skont is-CPR-2011; għall-istandards mhux imfassla jew mhux konformi se jkun hemm SReq. ġdid skont is-CPR fi Q2 2026 bi skadenza tat-tfassil fi Q3 2027 |
| 2 | bibien, twieqi, kontraporti, gradi u aċċessorji relatati mal-bini | DWS | lest | lest | Q1 2026 | 2028 | 2029 | 2029 | ġew identifikati r-rekwiżiti tal-prodott għall-aċċessorji tal-bini u se jiġu stabbiliti permezz ta' att delegat. Dan huwa relatat mar-rekwiżiti għar-rotot tal-ħrib |
| 16 | ħadid għar-rinfurzar u l-prestressing tal-konkos (u prodotti anċillari) - kittijiet tal-post tensioning | RPS | lest | Q4 2025 | Q2 2026 | 2029 | 2029 | qed jiġi diskuss | |
| 15 | siment, ġir tal-bini u binders idrawliċi oħrajn | CEM | lest | lest | Q3 2025 | Q3 2027 | Q4 2027 | le | il-Kummissjoni titlob EADs għas-siment innovattiv u attivat bl-alka Q1 2026<br>talba ta' standardizzazzjoni għas-siment attivat bl-alkali Q4 2027 |
| 4 | prodotti ta' iżolament termali - kittijiet/sistemi komposti ta' iżolament | TIP | lest | għadu għaddej | Q3 2026 | 2029 | 2029 | qed jiġi diskuss | |
| 30 | prodotti ta' ħġieġ ċatt, ħġieġ profilat u blokok tal-ħġieġ | GLA | lest | għadu għaddej | Q1 2026 | 2028 | 2029 | 2028 | ġew identifikati r-rekwiżiti tal-prodott u se jiġu stabbiliti permezz ta' att delegat |
| 6 | ċmieni, tubi ta' ġo fihom u prodotti speċifiċi | CHI | lest | għadu għaddej | Q3 2026 | 2028 | 2028 | | iċ-ċmieni weqfin waħedhom esklużi |
| 13 | prodotti tal-injam strutturali/elementi u prodotti anċillari | STP | għadu għaddej | Q1 2026 | Q3 2026 | 2029 | 2029 | | |
| 14 | pannelli tal-injam u elementi | WBP | | | | | | | |
| 26 | prodotti relatati mal-konkrit, tikħil u ħalib tat-tikħil | CMG | għadu għaddej | Q1 2026 | Q4 2026 | 2029 | | | |

| Nru tal-Familja ta' Prodotti fl-Anness VII. | Familja ta' Prodotti | Kodiċi | Stadju importanti I | Stadju importanti III | Talba ta' standardizzazzjoni | Skadenza tat-tfassil tal-istandards | Standard isir obbligatorju u adozzjoni tal-att delegat | Att delegat dwar ir-rekwiżiti tal-prodott | Informazzjoni addizzjonali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 17 | bini bil-ġebel u prodotti relatati - unitajiet ta' bini bil-ġebel, tikħil u prodotti anċillari | MAS | għadu għaddej | Q2 2026 | Q1 2027 | | | | |
| 24 | aggregati | AGG | għadu għaddej | Q2 2026 | Q1 2027 | 2029 | | | |
| 9 | kittijiet ta' ħitan minn barra/kisi/sistemi ta' glejżjar siġillant strutturali | CWP | lest | Q2 2026 | Q4 2026 | 2029 | | | |
| 10 | tagħmir fiss ta' tifi tan-nar (prodotti ta' twissija tan-nar/rilevament tan-nar, ta' tifi tan-nar fiss, ta' kontroll tan-nar u d-dħaħen u ta' trażżin ta' splużjonijiet) | FFF | Q2 2026 | Q1 2027 | Q3 2027 | | | | |
| 23 | prodotti għall-bini tat-toroq (asfalt, eċċ.) | RCP | Q1 2026 | Q3 2026 | 2027 | | | | |
| 19 | pavimentar | FLO | Q2 2026 | Q4 2026 | 2027 | | | | l-istadju importanti 0 diġà qed jaħdem fuq metodi ta' ttestjar għar-reżistenza għaż-żliq[31] |
| 34 | kittijiet tal-bini, unitajiet u elementi prefabbrikati | KAS | Q2 2026 | Q2 2027 | 2027 | | | | inkluża l-familja 36. Jekk ikun xieraq, dan ix-xogħol jinqasam f'diversi flussi tax-xogħol bi skedi ta' żmien differenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' titlob EADs għal kittijiet innovattivi |
| 21 | kisi intern u estern tal-ħitan u tas-soqfa - kittijiet ta' diviżjoni interna | WCF | Q3 2026 | Q3 2027 | 2028 | | | | |
| 7 | prodotti tal-ġibs | GYP | Q3 2026 | Q3 2027 | 2028 | | | | |
| 5 | kuxxinetti strutturali - pinnijiet għal ġonot strutturali | SBE | Q4 2026 | Q4 2027 | 2028 | | | | |
| 27 | apparat li jsaħħan l-ambjent u apparat ieħor tat-tisħin u tat-tkessiħ | SHA | Q4 2026 | Q4 2027 | 2028 | | | | parti mill-prodotti hija regolata wkoll mill-Ekodisinn/ESPR, il-ħidma se tiġi allinjata mal-attivitajiet hemmhekk |
| 22 | kisi tal-bjut, tamboċċi, twieqi fis-soqfa u prodotti anċillari - kittijiet għas-soqfa, pannelli fotovoltajċi | ROC | 2027 | 2027 | 2028 | | | | Il-pannelli fotovoltajċi huma regolati mill-Ekodisinn/ESPR, il-ħidma se tiġi allinjata mal-attivitajiet hemmhekk |

31 SMP-STAND-2024-ESOS-01-IBA, is-suġġett 19

| Nru tal-Familja ta' Prodotti fl-Anness VII. | Familja ta' Prodotti | Kodiċi | Stadju importanti I | Stadju importanti III | Talba ta' standardizzazzjoni | Skadenza tat-tfassil tal-istandards | Standard isir obbligatorju u adozzjoni tal-att delegat | Att delegat dwar ir-rekwiżiti tal-prodott | Informazzjoni addizzjonali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | attrezzaturi fissi għal ċirkolazzjoni stradali: tagħmir għat-toroq (żebgħat, sinjali tat-traffiku, sistemi ta' trażżin fit-toroq) | CIF | 2027 | 2027 | 2028 | | | | l-istadju importanti 0 diġà għaddej biex jiġi żviluppat metodu ta' valutazzjoni għas-sistemi ta' trażżin fit-toroq[32] |
| 18 | prodotti tal-inġinerija tal-ilma mormi | WWD | 2027 | 2028 | | | | | |
| 25 | adeżivi tal-kostruzzjoni | ADH | 2027 | 2028 | 2029 | | | | |
| 32 | siġillanti għall-ġonot | SEA | 2027 | 2028 | 2029 | | | | |
| 35 | prodotti ta' twaqqif tan-nar, siġillanti tan-nar u prodotti għal protezzjoni kontra n-nar - prodotti li jittardjaw in-nar | FPP | 2028 | 2028 | 2029 | | | | |
| 33 | fissaġġi | FIX | 2028 | 2028 | | | | | |
| 3 | membrani, inklużi dawk applikati bħala likwidu u kittijiet (għall-kontroll tal-ilma u/jew tal-fwar mill-ilma) | MEM | 2028 | 2028 | | | | | |
| 8 | ġeotessili, ġeomembrani, u prodotti relatati | GEO | 2028 | 2028 | | | | | |
| 11 | apparat sanitarju | SAP | 2028 | 2029 | | | | | |
| 28 | pajpijiet, tankijiet u prodotti anċillari li mhumiex f'kuntatt ma' ilma intiż għall-konsum mill-bniedem | PTA | 2028 | 2029 | | | | | |
| 29 | prodotti għall-bini f'kuntatt ma' ilma intiż għall-konsum mill-bniedem | DWP | | | | | | | |
| 31 | kejbils tal-elettriku, ta' kontroll u ta' komunikazzjoni | CAB | 2029 | 2029 | | | | | |
| ġdida | żebgħat dekorattivi u wallpapers | | 2029 | | | | | | il-ħidma se tiġi allinjata mat-tieni pjan ta' ħidma tal-ESPR |
| 6 | ċmieni, tubi ta' ġo fihom u prodotti speċifiċi | CHI | 2029 | | | | | | tinkludi biss iċ-ċmieni weqfin waħedhom |

[32] SMP-STAND-2024-ESOS-01-IBA, is-suġġett 17